MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. BONNICI JOSEPH

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 954/2002/1

**Improved Design Limited**

**vs**

**Charles Camilleri**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm91.53c (wiehed u disghin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu) rappresentanti l-bilanc tal-prezz ta' xogholijiet ezegwiti mis-socjeta' attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluz dak tal-ittra legali tat-22 ta' Frar 2002 u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tal-invoice u cioe mit-23 ta' Frar 2001 sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi l-kont ma jirriflettix ix-xoghol li sar.

Sema' x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidera

Illi l-kawza odjerna si tratta ghal pagament ta' bilanc ta' somma prezz ta' xoghol maghmul fuq inkarigu tal-konvenut. Huwa hallas Lm200.00c (mitejn lira Maltin) li ppretenda li kienu a saldu filwaqt li s-socjeta' attrici accettatu akkont. Di fatti ma accettatx il-kondizzjoni tieghu anzi rribattietha vehenmentement.

Veru li ma kienx hemm ftehim in anticipo, pero' bejn il-partijiet kien hemm gja relazzjoni antecedenti ta' negozju. Allura ma kienx hemm necessita li jigi pattwit bil-quddiem il-prezz.

It-Tribunal jirrileva li l-konvenut assuma fuqhu r-responsabbilta' li jipprova li dak li hallas kien bizzejjed u t-talba attrici kienet superfluwa.

Pero' dan l-oneru ma giex skarigat a sodisfazzjoni tat-Tribunal. It-talba attrici tidher li hija gjustifikata u ghalhekk ghandha tigi milqugha.

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm91.53c (wiehed u disghin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu).

Bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba kontra l-konvenut.

**Dr Joseph P Bonnici**

**Gudikatur**